MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 521/2003

Untours Insurance Agents Ltd ghall-Qatar Insurance Company kif surrogata fid-drittijiet ta' Joseph Debono u l-istess Joseph Debono

Vs

Carmel Camilleri

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2003.

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' tlett mija u sebgha liri Maltin u disa' u ghoxrin centezmu (Lm307.29) hlas dovut bhala danni sofferti fl-incident tat-traffiku li sehh fil-25 ta' Settembru 2001 gewwa Hal Lija bejn Mitsubishi Lancer bin-numru FAV742 misjuqa mill-attur u l-vettura numru KAP 921, ghal liema incident huwa unikament responsabbli l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha kkontesta r-responsabbilta ghall-incident meritu tal-kawza.

Semgha x-xhieda.

Ra l-atti.

Ikkunsidra:-

1. Illi l-fatti huma s-segwenti:-

(a) Iz-zewg vetturi kienu qeghdin jinstaqu fl-istess direzzjoni, dik misjuqa mill-konvenut quddiem dik ta' l-attur. Il-vetturi kienu qeghdin jinstaqu gewwa Triq San Mikiel, Lija.

(b) Iz-zewg vetturi riedu johorgu ghal fuq Triq in-Naxxar, Lija u jmorru fid-direzzjoni ta' B'Kara.

(c) Kif wasal fit-tarf tat-triq it-trukk misjuq mill-konvenut waqaf. Min-naha tieghu

(d) Fuq ix-xellug tat-trukk kien hemm spazju u l-attur ittenta jghaddi minn dan l-ispazju.

(e) Kif it-trukk qala' minn posizzjoni stazzjonara laqat il-vettura tal-konvenut.

2. It-Tribunal huwa tal-fehma li l-konvenut ghamel hazin meta pprova jidhol fl-ispazju ferm ristrett bejn it-trukk u bankina fuq ix-xellug. F'dik il-parti tat-triq il-wisa' hija ristretta (kuntrarjament ghal dak li jipprova jaghti x'jifhem l-attur) meta wiehed jikkunsidra li l-konvenut kien qieghed isuq trukk kbir [*ten wheeler*]. Fil-fehma tat-Tribunal il-konvenut ha riskju bla bzonn. Kien ikun zgur iktar ghaqli u prudenti li jzomm id-distanza minn trukk ta' dak il-kobor u mhux jipprova jghaddi bi zgiccatura. Il-konvenut xehed:- *"it-truck jiena niftakru at right angles mat-triq principali, minghajr l-ebda inklinazzjoni"*. Jekk dan huwa minnu kien jinkombi iktar

attenzjoni min-naha tal-atturi peress li f'dawn ic-cirkostanzi ma kienx f'posizzjoni li jkun jaf 'il fejn ser jigbed dan it-trukk.

Fic-cirkostanzi t-Tribunal m'ghandux triq ohra ghajr li jilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut u jichad it-talba ta' l-atturi.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

Avukat Dr. Anthony Ellul
Gudikatur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------